MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1585/2003

**Gasan Mamo Insurance Limited**

**vs**

**Colin Portelli (K.I. Nru 607462M), Joseph Farrugia (K.I. Nru. 186467 M) f'isimhom proprju u bhala Diretturi tas-socjeta JBC Trading Limited u l-istess JBC Trading Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu 2003 fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm617.57) rapprezentanti hlas fuq diversi premia ta' poloz ta' assikurazzjoni (Travel Insurance policies) mibjugha minnhom ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' atrici u mhux imhallsa skond kif jidher mill-anness prospett markat Dok A nonostante li kienu gew interpellati

ghall- hlas permezz ta' ittri bonarji datati 18 ta' Gunju 2003 u 9 ta' Lulju 2003 (Dok B u Dok C);

Bl-ispejjez inkluzi Lm5.75 ghall-ittra u consult u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' kull transazzjoni kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-31 ta ;Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u l-anqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici solidalment bejniethom is-somma kif rikjesta ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm617.57) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' kull transazzjoni rispettiva u bl-ispejjez kollha kif mitluba nkluz ta' dina l-istanza kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------